**MEDIA RELEASE – FOR IMMEDIATE PUBLICATION**

# Bay Street tospita folklore u tradizzjonijiet lokali f'Awwissu

B'ħafna bliet u rħula Maltin u Għawdxin jiċċelebraw il-festi titulari tagħhom matul is-sajf, Bay Street qiegħed iwassal l-atmosfera tradizzjonali ta' dawn il-festi f'dan il-kumpless ta' ħwienet u divertiment f'San Ġiljan kull nhar ta' Ħadd bejn il-5 ta' Awwissu u s-26 ta' Awwissu u fil-ġurnata tal-festa ta' Santa Maija, il-15 ta' Awwissu,

Dawk li jżuru dan il-kumpless se jgawdu minn divertiment bi żfin Malti tradizzjonali minn Eldridge Saliba tal-Paul Curmi Dancers fir-Rotunda f'Level 0 bejn is-6 u t-8 p.m., u jistgħu wkull jipprovaw ikel tradizzjonali Malti fis-Suq tal-Artiġġjanat f'dawn il-ħames okkażjonijiet.

Għall-ħames sena wara xulxin Bay Street se ttella' bandalori tal-festa li huma tipiċi ta' raħal tradiżżjonali. Dawn il-bandalori twal iktar minn sular u, aparti milli jiddekoraw il-post bejn is-7 u t-18 ta' Awwissu, se jkun hemm ukoll mużiċisti tradizzjonali jdoqqu madwar il-kumpless ta' Bay Street biex dawk li jżuru il-post jistgħu jiddevertu.

Għal iktar informazzjoni ċemplu fuq 2138 0600 jew żur il-pagna tal-Facebook ta' Bay Street, www.facebook.com/baystreetmalta.

– TMIEM –

Caption:

**Żeffiena tradizzjonali Maltin, li se jagħtu wirja fir-Rotunda ta' Bay Street fuq Level 0 kull nhar ta' Ħadd f'Awwissu u f'jum Santa Marija bejn is-6 u 8 p.m.**

**Bandalori tradizzjonali li se jittellgħu Bay Street bejn is-7 u t-18 ta' Awwissu**